## 11 ta' Frar, 1993

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Mariella Vassallo

*versus*

*Chevalier* Joseph G. Coleiro

### Testment – Użufrutt – Legat "*In Piena Proprietà*" – Artikoli Konfliġġenti – Intenzjoni tat-Testaturi

*Meta, kif kull tant jiġri, it-testatur, b'mod ċar u univoku, ikun iddispona minn ħwejġu f'parti minn testment tiegħu, u bl-istess mod ikun iddispona mill-istess beni f'parti oħra tat-testment, u b'hekk huwa stess ikun ħoloq dubju dwar liema miż-żewġ disposizzjonijiet turi x'kienet l-aħħar volontà tiegħu dwar dawn il-ħwejjeġ, allura dina l-volontà tista' tiġi stabbilita mhux biss billi wieħed iħares lejn il-kelma miktuba fit-testment imma anki, fil-każi proprji, lejn ċirkostanzi oħra li jistgħu jitfgħu dawl biex tiġi kkjarifikata l-istess intenzjoni u jiġi stabbilit liema miż-żewġ disposizzjonijiet għandha jkollha applikazzjoni rigward l-istess ħwejjeġ.*

*Skond l-attriċi t-testaturi riedu jħallu lil xulxin 'l-użufrutt universali tal-beni tagħhom kollha' u dan ifisser illi l-użufrutt jestendi wkoll fuq kull proprjetà li setgħet ġiet imħollija lil ħaddieħor fl-istess testment; min-naħa tiegħu l-konvenut isostni li meta t-testatur missieru ħallielu "in piena proprietà" l-interess li t-testatur seta' kellu fis-soċjetajiet imsemmija, mingħajr ma għamel ebda riserva*

*dwar il-laxxitu ta' l-użufrutt fuq imsemmi, dana neċessarjament ifisser illi l-beni lilu mħollija ma ġewx hekk imħollija soġġetti għall-użufrutt.*

*Malli t-testment jiġi eżaminat fil-kumpless tiegħu u r-relazzjoni bejn artikolu u ieħor allura tista' tiġi identifikata, ikun possibbli li tiġi stabbilita r-rieda tat-testaturi.*

1. Fiċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-attriċi esponiet illi fl-1 ta' Awissu, 1957, miet Giovanni Coleiro u ħalla superstiti ... martu Giuseppina u ż-żewġ uliedu, Mary mart it-tabib dottor Joseph Ellul u l-konvenut, Joseph Coleiro;

2. L-aħħar testment ta' Giovanni Coleiro sar fit-2 ta' Frar, 1957, fl-atti tan-Nutar dottor Joseph Spiteri – (dokument A fol. 6 tal-proċess);

3. L-artikolu tlieta (3) ta' dan it-testment istitwixxa użufrutt universali tal-beni kollha tat-testatur, favur martu Giuseppina inkluża l-fakoltà li hija tirtira kwalunkwe somma jew effetti oħra minn kwalunkwe bank jew istituzzjoni oħra mingħajr il-bżonn ta' xi kunsens ta' l-eredi;

4. L-artikolu sitta (6) iddispona favur il-konvenut, in piena proprjetà, kull interess kemm tat-testatur kif ukoll ta' martu fis-soċjetà *Coleiro Brothers Ltd.* – u fi kwalunkwe soċjetà oħra illi tagħha t-testatur huwa membru – inklużi kull parti tal-profitti mill-istess kumpanija;

5. Giuseppina Coleiro mietet fit-22 ta' Jannar, 1961, u mid-data tal-mewt ta' żewġha – l-1 ta' Awissu, 1957 sal-mewt tagħha, irċeviet diversi ammonti mill-kumpanija, u dan għaliex kienet intitolata għal dan bħala użufruttwarja ta' żewġha;

6. Fuq dawn il-fatti, l-attriċi talbet il-Qorti li:

(a) tiddikjara illi l-prelegat imħolli minn Giovanni Coleiro favur il-konvenut fl-artikolu 6 tat-testment kien soġġett għall-użufrutt ta' martu Giuseppina Coleiro;

(b) konsegwentement, tillikwida l-ammont ta' flus provenjenti minn *Coleiro Brothers Ltd.* li Giuseppina Coleiro irċeviet permezz tal-konvenut jew altrimenti mill-1 ta' Awissu, 1957 sat-22 ta' Jannar, 1961;

7. Din iċ-ċitazzjoni, biex tiftiehem, għandha tiġi preċeduta mir-relazzjoni ta' dawn il-fatti: L-attriċi, f'kawża oħra – ċitazzjoni 28/1972, fl-istess ismijiet – talbet dikjarazzjoni illi kreditu ta' Lm2499.15s.7d. (kif kien dak iż-żmien) pretiż mill-konvenut kontra l-attiv ta' Giuseppina Coleiro ma kienx veru u reali iżda kien jaħbi donazzjoni magħmula mill-istess Giuseppina Coleiro favur il-konvenut. Meta Giovanni Coleiro favur il-konvenut. Meta Giovanni Coleiro kien għadu ħaj, kien jipperċepixxi sitta u sittin lira (Lm66) fix-xahar mill-kumpanija, u wara l-mewt tiegħu dan l-istess ammont, il-kumpanija kienet tgħaddih lill-konvenut u dan lil ommu. Il-konvenut, wara l-mewt ta' ommu, kien qed jippretendi li jieħu lura dak li kien jgħaddi lil ommu, anki għaliex ommu suppost aċċettat li tirrifondilu dawn il-flus;

Il-kawża preżenti għalhekk hija intiża biex tirrisolvi l-kwistjoni *di fondo*, li tippreċedi kull soluzzjoni fil-kawża bejn l-istess partijiet, ċitazzjoni 28/1972;

8. Il-konvenut oppona illi huwa ċar li l-prelegat (kif jiddiskrivih il-konvenut) tiegħu kien in piena proprjetà u għalhekk

mhux soġġett għall-użufrutt ta' ommu Josephine. Dak li kienet tirċievi – sitta u sittin lira (Lm66) fix-xahar – kien l-onorarju li kien jispetta lil Giovanni Coleiro, u dan waqaf mal-mewt tiegħu;

9. Ġie ppurvat fil-kawża preċedenti – dik bin-numru 28/1972 – illi *Coleiro Brothers Ltd.* ma qassmet ebda dividend mill-mewt ta' Giovanni Coleiro sal-mewt ta' Giuseppina Coleiro;

Il-konvenut, biex jgħin lil ommu, kien jieħu self personali ta' Lm66 fix-xahar mill-kumpanija, u jgħaddihom lil ommu bħala self, biex din setgħet tkompli tgħix bħal ma kienet imdorrija tgħix. Din is-somma ma kinitx tirrappreżenta xi dritt tagħha ta' paga, dividend jew xi pagament ieħor. Il-kumpanija għandha tieħu mingħandu kif huwa għandu jieħu mingħand ommu, għall-mutwi li saru;

10. Fl-4 ta' Mejju, 1989, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi u mmotivat id-deċiżjoni tagħha b'dan il-mod:

"Il-miżżewġin *Chevalier* Giovanni u Giuseppina mietu, l-ewwel wieħed fl-1 ta' Awissu, 1957 u l-aħħar waħda fit-22 ta' Jannar, 1961;

Bit-testment tagħhom *"unica charta"* tat-2 ta' Frar, 1957 huma ddisponew kif sejjer jingħad favur uliedhom Joseph, il-konvenut f'din il-kawża u Mary, mart it-Tabib Joseph Ellul u omm l-attriċi f'din il-kawża, jiġifieri:

(1) Innominaw lill-istess uliedhom eredi universali f'parijiet ugwali, (art. 9);

(2) Fl-artikolu sitta t-testatur iddispona "sija jekk jippremorixxi kemm jekk jissopravvivi għat-testatriċi, iħalli ibnu Joseph Coleiro in piena proprjetà kwalunkwe interess tiegħu fis-soċjetà *"Coleiro Brothers Limited"* u fi kwalunkwe soċjetà oħra illi tagħha t-testatur huwa membru, kompriża kwalunkwe parti tal-profitti ta' l-istess soċjetajiet u kompriż ukoll, fil-każ li t-testatur imut qabel it-testatriċi, is-sehem tat-testatriċi bħala komparteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti fl-imsemmija soċjetajiet u profitti. It-testatur għamel dan il-legat biex jikkompensa lil ibnu ta' l-attività tiegħu favur tas-soċjetà u anke għaliex l-istess legatarju huwa diġà soċju fis-soċjetà u biex ma jinqalgħux komplikazzjonijiet mis-soċji l-oħra";

(3) Fl-artikolu sebgħa (7) t-testaturi riedu u ordnaw "illi biex tiġi kkompensata t-testatriċi għall-valur ta' sehemha mill-imsemmija soċjetajiet u profitti, dana jiġi llikwidat fis-somma illi tiġi aċċettata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bħala valur ta' l-istess sehemha f'okkażjoni tad-denunzja tas-Suċċessjoni tat-testatur u illi biex tiġi hekk ikkompensata, ikollha d-dritt, jekk tkun trid, tippreleva beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jew partikolari ta' żewġha – purchè fi kwalunkwe każ ma jkunux appartenenti lill-imsemmija soċjetajiet – bil-valur għall-beni hekk prelevati, illi jkun stabbilit bl-aċċettazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-imsemmija Denunzja";

(4) Fl-artikolu tmienja (8) ġie dispost illi "fil-każ ikun hemm lok għal-legat imħolli bl-artikolu sitta, Joseph Coleiro, il-legatarju jkun obbligat iħallas lil oħtu Mary, jekk it-testatur jippremori għat-testatriċi u matul il-ħajja tat-testatriċi biss in postiċipat somma ekwivalenti għall-interessi tat-tlieta fil-mija fis-sena (3%) fuq erbgħin fil-mija (40%) tal-valur tal-legat kif illikwidat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għall-fini tad-

Denunzja tas-Suċċessjoni'';

(5) Fl-artikolu għaxra (10) iddispona ''it-testatur fil-każ illi huwa jkun is-superstiti, biex jikkompensa lil bintu Mary tal-legat imħolli lil ibnu Joseph bl-artikolu sitta ta' dana t-testment, iħallilha b'titolu ta' legat is-somma ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) tal-valur tal-legat imħolli lill-istess Joseph Coleiro, kif illikwidat dana l-valur fl-okkażjoni tad-denunzja tas-Suċċessjoni ta' l-ist~ss testatur, u dina s-somma tkun dovuta mill-istess Joseph Coleiro u minnu pagabbli fi żmien ħmistax-il sena mill-apertura tas-suċċessjoni, bl-imgħax tat-tlieta fil-mija fis-sena ''*a scaletta*'';

Bit-testment imsemmi, fl-artikolu tlieta, (3) it-testaturi ħallew lil xulxin ''l-użufrutt universali tal-beni tagħhom kollha'' u fl-artikolu ħamsa ddisponew kif ġej:

''Fil-każ illi s-superstiti jkun it-testatur, it-testatriċi tħallilu *in piena proprietà* kwalunkwe interess tagħha fis-soċjetà ''*Coleiro Brothers Ltd.*'' u fi kwalunkwe parti tal-profitti ta' l-istess soċjetajiet'';

Fl-artikolu ħdax (11) it-testatriċi ddisponiet kif ġej:

''It-testatriċi fil-każ illi tkun superstiti hija tħalli lil bintha Mary b'titolu ta' legat pagabbli minn Joseph Coleiro fi żmien ħmistax-il sena mill-apertura tas-suċċessjoni, somma ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) tal-valur tal-legat imħolli lil Joseph Coleiro, kif illikwidat dana l-valur fl-okkażjoni tad-denunzja tas-suċċessjoni tat-testatur u dina s-somma tkun dovuta mill-istess Joseph Coleiro bl-imgħax ta' tlieta fil-mija ''*a scaletta*'' u jitħallsu b'lura'';

Dawna huma d-disposizzjonijiet li huma ta' rilevanza għall-kawża tal-lum;

Ikkunsidrat:

Qabel kollox għandu jingħad illi meta tiġi biex tiġi stabbilita x'kienet eżattament l-intenzjoni ta' testatur wieħed irid neċessarjament iħares lejn id-disposizzjoni testamentarja, u, jekk minn dina, l-intenzjoni toħroġ ċara wieħed ma għandu għalfejn iħares lejn xejn aktar u għandu jqis lilha biss mingħajr ma jieħu in konsiderazzjoni aspetti oħra anke jekk dawna forsi jistgħu jitfgħu dawl fuq l-istess intenzjoni tat-testatur;

Dana japplika għal kull waħda mid-disposizzjonijiet li jkun hemm fit-testmenti;

Meta, kif kull tant jiġri, it-testatur, b'mod ċar u univoku, ikun iddispona minn ħwejġu f'parti mit-testment tiegħu, u bl-istess mod ikun iddispona mill-istess beni f'pari oħra tat-testment, u b'hekk huwa stess ikun ħoloq dubju dwar liema miż-żewġ disposizzjonijiet turi x'kienet l-aħħar volontà tiegħu dwar dawn il-ħwejjeġ, allura dina l-volontà tista' tiġi stabbilita mhux biss billli wieħed iħares lejn il-kelma miktuba fit-testment imma anke, fil-każi proprji, lejn ċirkostanzi oħra li jistgħu jitfgħu dawl biex tiġi kkjarifikata l-istess intenzjoni u jiġi stabbilit liema miż-żewġ disposizzjonijiet għandha jkollha applikazzjoni rigward l-istess ħwejjeġ;

Fil-każ tal-lum iż-żewġ partijiet qegħdin jallegaw illi d-disposizzjonijiet li jolqtu lilhom direttament u indirettament għandhom is-sinifikat ċar tagħhom – l-attriċi ssostni illi l-artikolu tlieta ma jħalli ebda dubju dwar l-intenzjoni tat-testaturi; dawn

riedu jħallu lil xulxin 'l-użufrutt universali tal-beni tagħhom kollha' u dana jfisser skond l-attriċi illi l-użufrutt jestendi wkoll fuq proprjetà li setgħet ġiet imħollija lil ħaddieħor fl-istess testment; min-naħa tiegħu l-konvenut isostni li meta t-testatur missieru, fl-artikolu sitta tat-testment ħallielu *'in piena proprietà'* l-interess li t-testatur seta' kellu fis-soċjetajiet imsemmija fl-istess artikolu, **mingħajr ma għamel ebda riserva dwar il-laxxitu ta' l-użufrutt fuq imsemmi** dana neċessarjament ifisser illi l-beni lilu mħollija ma ġewx hekk imħollija soġġetti għall-użufrutt. U, huwa veru, illi meħuda iżolatament kull disposizzjoni għaliha, tfisser dak li tgħid – dik tat-tielet artikolu illi l-użufrutt universali huwa 'tal-beni tagħhom kollha' u dik tas-sitt artikolu illi l-laxxitu ġie mħolli *'in piena proprietà'* – żewġ sitwazzjonijiet dawna li flimkien ma joqogħdux; it-testaturi jew riedu illi s-superstiti fosthom ikollu l-użufrutt anke fuq il-beni mħollija bl-artikolu sitta lil binhom Joseph, jew riedu li dawna l-beni jgħaddu in piena proprjetà, meħlusa, jiġifieri, mill-użufrutt, għand l-istess legatarju. Proprjament il-kwistjoni li tinqala' f'dan il-każ u disgwid li possibilment jista' jsegwi l-adattament tal-lingwa u l-forma adoperata fl-istess testment tinqala' jekk wieħed iħares lejn dawna ż-żewġ artikoli meħudin waħedhom u għalhekk mingħajr ma wieħed jarahom fil-kontest tad-disposizzjonijiet kollha li fih it-testment;

Malli t-testment jiġi eżaminat fil-kumpless tiegħu u r-relazzjoni bejn artikolu u ieħor allura tista' tiġi identifikata, ikun possibbli li tiġi stabbilita r-rieda tat-testaturi li wara kollox hija r-rieda li trid tiġi mwettqa wara l-mewt tat-testatur f'dan il-każ u sakemm kienet tasal biex tiġi nieqsa t-testatriċi;

Ikkunsidrat oġġettivament fil-kompless tiegħu kollu l-messaġġ ikkontenut fit-testment joħroġ ċar;

Fl-ewwel lok għandu jiġi nnotat illi t-testatur Giovanni Coleiro wera biċ-ċar u t-tond illi huwa kien qiegħed iqis il-fatt illi l-laxxitu bil-legat favur ibnu Joseph bl-artikolu sitta, laxxitu li jirriferixxi mhux biss għal ħwejjeġ l-istess testatur imma anke dawk li huma ta' martu, kien sejjer jaffettwa l-konsistenza tal-ħwejjeġ li jaqgħu taħt l-użufrutt imħolli lil martu u kien sejjer jaffettwa wkoll il-valur ta' dak li ried iħalli lil bintu Mary;

Difatti l-legat imħolli lil martu bl-artikolu sebgħa ġie mħolli espressament "sabiex tiġi kkompensata t-testatriċi għall-valur ta' sehmha mis-soċjetajiet u profitti" (li ġew imħollija lil ibnu Joseph). Lil bintu Mary, (omm l-attriċi) bl-artikolu tmienja fetħilha d-dritt li tirċievi mingħand ħuha Joseph (obbligat li jħallas) "somma ekwivalenti għall-interessi tat-tlieta fil-mija fuq erbgħin fil-mija (40%) tal-valur tal-legat" imħolli bl-artikolu sitta;

Fit-tieni lok it-testatur Giovanni Coleiro ħa ħsieb għal matul id-disposizzjonijiet kollha tat-testment, li jara lil ibnu Joseph "jiġi kkompensat ta' l-attività tiegħu favur is-Soċjetà u anke għaliex l-istess legatarju huwa diġà soċju fis-Soċjetà u biex ma jinqalgħux komplikazzjonijiet mas-soċji l-oħra" billi jaqla' 'l barra mill-istess soċjetà mhux biss lit-testatriċi martu imma anke lil bintu. Fil-każ ta' martu huwa ried li hija tiġi "kkompensata" għall-valur ta' sehmha mill-istess soċjetà u profitti billi hija jkollha d-dritt li tipprokura beni mill-komunjoni ta' l-akkwisti jew partikolari tat-testatur "purchè fi kwalunkwe każ ma jkunux appartenenti lill-imsemmija soċjetajiet";

Fit-tielet lok, l-użufrutt universali tal-beni kollha tiegħu mħolli lil martu Giuseppina fit-tielet artikolu, ma jolqotx "is-sehem tat-testatriċi bħala komparteċipi fil-komunjoni ta' l-

akkwisti fl-imsemmija Soċjetajiet u profitti'' (parti mil-legat imħolli fl-artikolu sitta) għaliex dak is-sehem ma jiffurmax parti mill-assi ereditarji ta' l-istess testatur Giovanni Coleiro;

Fir-raba' lok iż-żewġ testaturi urew illi ''kwalunkwe interess (tat-testatriċi Giuseppina) fis-soċjetà *Coleiro Brothers Limited* u fi kwalunkwe parti tal-profitti ta' l-istess soċjetajiet'' *(sic)* qatt ma kellu jmur għand binthom Mary. Huma ħadu ħsieb li dana l-'interess' jgħaddi *'in piena proprietà'* jew lit-testatur Giovanni jew lil bin it-testaturi Joseph Coleiro, dipendentement mill-premorjenza tat-testatriċi għat-testatur, jew minn dik tat-testatur għat-testatriċi skond il-każ;

Fil-ħames lok, fl-imsemmi testment hemm imħollija legati *'in piena proprietà'* fi tliet okkażjonijiet differenti i.e. fl-artikoli erbgħa, ħamsa u sitta. Is-sinifikat li għandu jingħata lil dawna l-kliem u konsegwentement l-effetti legali li joħorġu meta hekk jingħata dana is-sinifikat, għandu jkun wieħed u identiċi għandhom allura jkunu l-effetti legali fit-tliet disposizzjonijiet. U, rigward il-legati mħollija bir-raba' u bil-ħames artikoli, żgur li ma jistax ikun hemm ebda dubju illi dawna qatt ma setgħu jiġu soġġetti għall-użufrutt imħolli bħala legat bit-tielet artikolu;

Ikkunsidrat fl-aħħarnett illi kemm l-isfond ta' konsiderazzjonijiet appena magħmula meta wieħed iqis l-assjem tad-disposizzjonijiet li fih it-testment fih innifsu, kif ukoll il-kliem użat fl-artikolu sitta ta' l-istess testment meta jingħad illi l-legat kien qiegħed jitħalla *'in piena proprietà'* u partikolarment meta wieħed iqis illi r-regola ta' sens trid illi jiftiehmu illi legat ta' universalità ta' ħwejjeġ ma għandux jitqies li jikkomprendi dawk il-ħwejjeġ li altrimenti ġew speċifikament imħollija b'legat lil ħaddieħor, sakemm ma tkunx saret riserva apposita, (liema

riserva fil-każ preżenti ma saritx), toħroġ waħedha l-konklużjoni illi l-oġġetti mħollija lill-konvenut bl-artikolu sitta tat-testment imsemmi ma humiex soġġetti għall-użufrutt imħolli lil Giuseppina Coleiro, nanna u omm il-kontendenti, rispettivament;

Ikkunsidrat:

Illi s-sorti tat-tieni talba kkontenuta fiċ-ċitazzjoni ssegwi dik ta' l-ewwel talba;

Għal dawna l-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi, l-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jitħallsu żewġ terzi mill-attriċi u terz mill-konvenut'';

11. L-appell ta' l-attriċi, kontra din is-sentenza huwa ssostenut hekk:

(a) L-artikoli 3 u 6 tat-testment għandhom jiġu kkonċiljati u mhux kif ġie rritenut fis-sentenza ''flimkien ma joqogħdux'';

(b) It-testatur ried li martu, matul ħajjitha tgawdi l-użufrutt tal-beni kollha tiegħu – anke jekk ma kellhiex ikollha x'taqsam mal-ġestjoni tal-kumpanija;

(ċ) Il-piena proprjetà ma teskludix li dik il-proprjetà tkun soġġetta għal użufrutt;

(d) Huwa użu komuni f'dawn il-gżejjer illi l-konjugi jħalli reċiprokament l-użufrutt u hekk sar f'dan il-każ, u dan għandu jservi għall-interpretazzjoni tat-testment, kif jgħodd għall-kuntratti: ''Dak li mhux ċar jitfisser minn dak li soltu jsir fil-lok

fejn ikun sar il-kuntratt'' (art. 1006 Kap. 16);

(e) Bl-interpretazzjoni mogħtija mis-sentenza, jirriżulta illi Giovanni Coleiro, wieħed mill-atkar nies għonja ta' Malta, ikun ħalla l-martu fil-miżerja, għaliex il-parti l-kbira ta' l-eredità tiegħu kienu l-azzjonijiet, fis-soċjetajiet, u dawn kellhom il-biċċa l-kbira tal-proprjetà immobiljari;

(f) Jekk l-artikoli 3 u 6 huma konfliġġenti allura, jgħodd dak li jgħid Pacifici Mazzoni *(Codice Civili Italiano Vol. VII pag. 176),* li fejn l-istess ħaġa tingħata in piena proprjetà, lil wieħed, u l-użufrutt, lill-ieħor – il-ħaġa għandha tinqasam bejn it-tnejn;

12. Il-partijiet jaqblu illi għar-riċerka ta' l-intenzjonijiet preċiżi tat-testaturi – billi hawn *si tratta* ta' testment *unica charta* – l-artikoli kollha jridu jiġu kkonsiderati, u mhux l-artikolu singolu, distakkat mill-bqija. Verament, mhux possibbli metodu ieħor ta' eseġesi f'dan il-każ, għaliex l-eżami jrid jibda sa mill-ewwel, almenu, ta' żewġ artikoli – it-3 u s-6 u mhux wieħed, kif espressament jindikaw kemm iċ-ċitazzjoni kif ukoll in-nota ta' eċċezzjonijiet;

13. Id-diffikoltà twieldet mill-użu, fl-art. 6, ta' l-aġġettiv *''piena''* mas-sostantiv *''proprietà''*, billi l-konvenut jirritjeni li dak l-użu eskluda l-possibbilità li dik il-proprjetà tkun soġġetta għad-dritt ta' użufrutt ta' Giuseppina Coleiro ommu – mogħtija ''l-użufrutt universali'' fl-art. 3;

L-argument huwa li proprjetà tista' tkun soġġetta għall-użufrutt meta tkun deskritta bħala *''nuda proprietà''* imma mhux bħala *''piena proprietà''*;

14. Huwa paċifiku għall-kontendenti illi waħda mill-intenzjonijiet prinċipali komuni għaż-żewġ testaturi fit-testment, kienet illi **l-proprjetà ta' l-azzjonijiet** kollha li huma kellhom kemm f'*Coleiro Brothers Ltd.* kif ukoll f'kull soċjetà oħra, kellha, **eventwalment** tgħaddi għand il-konvenut u l-konvenut **biss**. Din kienet l-intenzjoni speċjali u speċifika;

15. Biex jassikuraw li din l-intenzjoni tipprevali, it-testaturi kellhom l-intenzjoni konsegwenzjali u supplimentari li jassikuraw li lil binthom Mary, mart it-tabib Joseph Ellul, iħallulha tant proprjetà li ma jkun qatt jaqblilha li tirrinunzja għall-eredità testamentarja biex titlob il-leġittima, li l-liġi tassikuralha, u b'hekk kien ikollha d-dritt ta' kwota mill-azzjonijiet tal-kumpanija u tas-soċjetajiet l-oħra, li fihom it-testaturi kienu jipparteċipaw - artikolu 7, 8, 10 u 11;

16. Fl-aħħarnett, **kellhom l-intenzjoni ġenerali**, diffuża biżżejjed fis-soċjetà tagħna, **ta' garanzija reċiproka**, bejn il-konjugi, li l-mewt ta' xi testatur, kemm jista' jkun, ma tbiddilx, l-istil ta' ħajja tas-superstiti;

17. Għal dik li hija l-intenzjoni ġenerali tat-testaturi, din hija implimentata fit-tielet (3) u fir-raba' (4) artikoli - l-ewwel artikoli tat-testment, wara l-artikolu hekk imsejjaħ tal-fidi - li jirrigwarda l-funerali u s-suffraġi li soliti jsiru permezz tal-quddies, kif iddettaljati anke fl-artikolu 14;

Biex jassikuraw din l-intenzjoni ġenerali, it-testaturi fl-ewwel lok, iħallu reċiprokament id-dar ta' abitazzjoni tagħhom, b'kull ma jkun hemm fiha - proprju sabiex jeskludu kwalsiasi forma jew possibbiltà ta' drittijeit jew pretensjonijiet da parti ta' l-eredi - sakemm xi wieħed mit-testaturi, ikun għadu ħaj;

Imbagħad biex jassikuraw il-kontinwità tas-sitwazzjoni ekonomiko-finzjarja u jħallu reċiprokament **l-użufrutt universali tal-beni tagħhom kollha**; u mhux biss jeżentaw lil xulxin mill-obbligu ta' l-inventarju u tal-kawzjoni, li huma biżżejjed frewkenti u użwali fit-testmenti *"unica charta"*, imma jżidu:

"**anzi** jakkordawn il-fakoltà reċiproka li jirtiraw kwalunkwe somma jew effetti oħra minn kwalunkwe bank jew istituzzjoni oħra mingħajr in-neċessità tal-kunsens ta' l-eredi";

18. M'hemmx dubju li l-intenzjoni speċjali tat-testaturi, kif ukoll l-intenzjoni supplimentari għaliha ntlaħqu. Hija l-intenzjoni ġenerali tat-testaturi – dik tal-garanzija reċiproka għall-kontinwità fl-istil tal-ħajja tas-superstiti – li, skond il-pretensjoni tal-konvenut, tirriżulta li falliet.....għaliex is-soċjetajiet, mal-mewt tal-missier, ħadhom hu, liberi mill-piż ta' l-użufrutt ta' ommu – u b'hekk l-intenzjoni ġenerali tat-testaturi ma ntlaħqitx. Suppost li ma ntlaħqitx, għaliex għal dak il-falliment prodott direttament mill-pretensjoni tal-konvenut, issupplixxa u għamel tajjeb indirettament, l-istess konvenut bil-mod kontort li addotta biex lil ommu, **xorta waħda taha**, dak li kien jispetta lilha bħala użufruttwarja – sitta u sittina lira (Lm66) fix-xahar – billi suppost issellef dan l-ammont mill-kumpanija biex huwa mbagħad jislef l-istess ammont lil ommu; kontorsjni li kjarament addotta biex ma jidhirx li l-omm kienet qed tieħu l-flus direttament mill-kumpanija, għaliex inkella l-velu li jaħbi l-użufrutt kien ikun tenwi wisq. U l-pretensjoni tal-konvenut għalhekk ġiet tfisser li l-intenzjoni ġenerali tat-testaturi tiġi effettivament irrispettata. Però għaliha trid tħallas l-awtriċi ta' l-attriċi, l-eredi l-oħra Mary Ellul, ukoll. Din però ma kinitx l-intenzjoni tat-testaturi għaliex, kif intqal, l-intenzjoni supplimentari tagħhom, biex jottjenu l-intenzjoni speċjali, kienet

li l-koeredi mal-konvenut – oħtu Mary Ellul tkun sodisfatta biżżejjed sabiex almenu ma titlobx il-leġittima. Bl-interpretazzjoni tal-konvenut it-testatriċi tkun ġiet ridotta li jkollha tissellef għaliex l-użufrutt universali tal-beni kollha ma kienx ikun biżżejjed biex hija tkompli bil-ħajja ta' qabel il-mewt ta' żewġha. Effettivament it-testatriċi tiġi li tkun ħadet mill-beni tagħha stess biex tkompli tgħix bħal qabel. Mary Ellul tkun se tikkontribwixxi biex ommha tissopravivi mis-sehem tagħha stess mill-eredità ta' l-istess ommha. Dan kollu mhux skond l-intenzjonijiet tat-testatur u huwa inaċċettabbli;

19. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tilqa' l-appell; qed tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-ewwel talba ta' l-attriċi, u konsegwentement qed tibgħat tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-konsiderazzjoni u risoluzzjoni tat-tieni talba;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu ssopportati kwantu għal żewġ terzi (⅔) mill-konvenut u terz (⅓) mill-attriċi.